MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 121/2009

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri M u N ahwa B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fid-disgha (9) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, M u N, ahwa B (Dokti A, B u C);
2. Illi il-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u / jew minhabba li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;
3. Illi ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni u l-esponent giet debitament awtorizzata biex tipprocedi f'dina l-istanza skont kif jirrizulta mill-anness Digriet Dok D;
4. Illi l-konvenut abbanduna id-dar konjugali minghajr ebda raguni skont il-Ligi f'Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u il-partijiet ilhom jghixu separati *de facto* minn dik id-data;
5. Illi l-esponenti giet fdata bil-kura u kustodja tal-wild minuri *pendente lite* kif ukoll giet akkordata *retta alimentarja* ghall-istess wild minuri, stante li hi tahdem, b'Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-ittra numru 272 tas-sena 2008, fl-istess ismijiet premessi, (DOK E) u dan kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
6. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

TALBIET

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut ta' abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-esponenti kif fuq premess, u/jew minhabba li iz-zwieg tkisser irrevokabilment;
2) Taffidalha l-kura u kustodja tal-minuri M u N ahwa B u tiehu dawk il-provvedimenti kollha opportuni dwar access ghall-ahjar interess tal-minuri;
3) Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghall-minuri imsemmija u tordna lill-konvenut sabiex ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita ghaliha u ghal uliedhom minuri skont il-Ligi kif ukoll tordna li l-istess manteniment jizdied annwalment sabiex iz-zieda taghmel tajjeb

ghall-gholi tal-hajja u sabiex il-manteniment tithallas lilha direttament mill-paga tal-konvenut;

4) Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala id-data meta il-konvenut jigi ikkonsidrat li ikun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skont il-Ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
5) Tapplika kontra zewgha interament jew in parti id-disposizzjonijiet ta l-Artikoli 48 u/jew 51 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
6) Tordna lill-konvenut sabiex thallas u jikkonsenja lill-attrici skont il-kaz il-krediti u proprjeta parafernali;
7) Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut cioe' il-fond bl-isem *Freya* fi Triq il-Munxar Marsascala, liema dar hija parafernali ghaliha;

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni – kontra il-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi huwa minnu li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, izda dan sehh unikament u esklussivament b'tort u htija ta' l-attrici minhabba adulterju, u anke minhabba mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront ta' l-eccipjenti, u ghalhekk l-ewwel talba kif dedotta fil-konfront ta' l-eccipjenti ghandha tigi michuda;
2. Illi rigward it-tieni talba dwar kura u kustodja tat-tfal pretiza mill-attrici, l-eccipjenti jiddikjara li din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni ta' l-ahjar interess tal-minuri, u jirrileva li huwa

minn dejjem kien dispost li jissalvagwarda l-ahjar interess ta' uliedu;

3. Illi rigward it-tielet talba, din ghandha tigi michuda, u dan b'referenza ghal manteniment fil-konfront ta' l-attrici, stante li l-attrici hija impjegata bi qliegh, u fil-konfront tal-manteniment tal-minuri, l-eccipjenti dejjem amministra manteniment ghal uliedu u qatt ma kien hemm problemi f'dan ir-rigward;
4. Illi b'referenza ghat-talba rigward ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, filwaqt li l-eccipjenti jaqbel li tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tigi likwidata u diviza f'zewg porzjonijiet, anke permezz ta' periti nominandi, ghandha tigi rigettata t-talba ta' l-attrici li jigu komminati kontra il-konvenut d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-konfront ta' l-eccipjenti, billi l-htija tal-firda mitluba hija htija ta' l-attrici u mhux ta' l-eccipjenti u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;
5. Illi b'referenza ghas-sitt talba, l-eccipjenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-attrici tiehu l-proprjeta parafernali taghha, u jigi rilevat li hija qatt ma giet michuda milli taghmel dan;
6. Illi b'referenza ghas-seba' talba l-eccipjenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, u dan wara li jigi stabbilit l-ammont ta' kreditu dovut lill-eccipjenti b'referenza ghal benefikati u xogholijiet li saru minnu fil-fond bl-isem 'Freya', Triq il-Munxar, Marsaskala;
7. Illi l-eccipjenti jaf il-fatti hawn esposti *di scienza propria;*
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjez kontra l-attrici, ingunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi il-qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet relatat maz-zwieg li sehh nhar id-9 ta’ Frar 1998[1]. Min-naha tieghu l-intimat jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment pero’ jsostni li dan sehh ghal ragunijiet li huma imputabbli lir-rikorrenti. Jigi rilevat li l-intimat ma jressaq ebda kontro-talba.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Permezz tax-xiehda taghha quddiem l-Assistant Gudizzjarju[2], l-attrici tipprezenta nota[3] li turi l-ispejjez edukattivi taz-zewg minuri ghas-sena 2009 li jammontaw ghal €1494.95. Tghid li minkejja li talbet lill-intimat ihallas nofshom, l-istess intimat ma hallas xejn. Tipprezenta wkoll Dok. MP2[4] li huwa prospett tal-ispejjez relatati mas-summer school u attivitajiet ohra tat-tfal ghas-sena 2008, Dok MP3[5] li huwa prospett dwar il-precett tal-minuri li l-intimat ma kkontribwixxa xejn ghalih minkejja li kien prezenti u Dok. MP4 li huwa prospett tal-ispejjez ghall-*party* tal-birthday u precett li ghamlet ghat-tifla. Tispecifika li tali *party* kien fuq l-istess skala li kien sar ghall-minuri l-iehor meta l-intimat kien ghadu jghix fid-dar matrimonjali. Tali dokumenti huma konfermati mill-istess attrici bil-gurament taghha. Tiddikjara wkoll li sakemm l-intimat kien

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

[2] Seduta datata t-22 ta’ Jannar 2010 u esebita a fol 66 tal-process

[3] Ara Dok. MP1 esebit a fol 77 tal-process

[4] Esebit a fol 78 tal-process

[5] Esebit a fol 79 tal-process

ghadu fid-dar, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu jammontaw ghal €836.43 u ghalhekk tikkontendi li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' €418.21. Sussegwentement, permezz tax-xiehda taghha tal-14 ta' Dicembru 2011[6], l-istess attrici tipprezenta prospett tal-ispejjez edukattivi tal-minuri[7] flimkien mar-ricevuti relattivi ghas-sena skolastika 2010 – 2011 li jigi kkonfermat bil-gurament minnha stess.

L-istess attrici tghid li ma tinfurmax lill-intimat dwar l-attivitajiet tal-minuri u dan ghaliex thoss li m'ghandux interess fihom. Fil-fatt issostni li anke meta kien ghadu jghix fid-dar matrimonjali, kien jitlef hafna mill-attivitajiet taghhom.

Imbaghad, permezz tal-affidavit taghha dettaljattissimu[8], l-attrici tirrakkonta kif iltaqghet mal-intimat u li fil-bidu tal-gherusija skopriet li filwaqt li l-familja min-naha ta' missieru kienu nies twajba, l-familjari tan-naha t'ommu kellhom il-problemi mal-ligi. Tghid li dahlet fuq konvenju fuq fond gewwa Marsaskala wahedha, ghaliex kienet hi biss li kellha l-flus, apparti l-fatt li r-relazzjoni taghhom kienet ghadha fil-bidu taghha. Tispjega li fuq l-akkwist tal-garaxx[9] dehru z-zewg partijiet, ghalkemm l-attrici tikkontendi li hija hallset aktar minnu.

Izzid tghid li kien hemm self mal-genituri taghha fl-ammont ta' LM15,000[10] liema dejn jghajjat lilha pero' li hi tikkontendi li wzat dawn il-flus ghad-dar kif ukoll ghall-bzonnijiet taghha u tal-intimat ghajr ghas-somma ta' Lm1000 li itullizat ghal kors ta' *beautician*.

---

[6] Ara a fol 918 tal-process

[7] Ara Dok. MPX1 esebit a fol 921 tal-process

[8] Esebit a fol 718 tal-process

[9] Ara l-kuntratt datat is-7 ta' Marzu 1996 esebit a fol 747 tal-process

[10] Ara Dok. C esebit a fol 753 tal-process

Tghid li l-akbar problema li kellha mal-intimat, anke qabel iz-zwieg, kien il-fatt li ma kienx responsabbli u li kollox kien jaqa’ fuqha. Issemmi mbaghad li wara z-zwieg, saret rivizjoni tal-iskrittura li kienet saret mal-genituri taghha, b’dan li s-self ta’ Lm15,000 issa sar jghajjat liz-zewg partijiet u mhux lill-attrici wahedha. Tiddiskrivi lil zewgha bhala persuna li maz-zmien ma sarx responsabbli izda baqa’ jagixxi ta’ guvni u mhux ta’ ragel mizzewweg, b’dan li meta harget tqila ma kienx joqghod id-dar u kien jaqbad u johrog. Meta mbaghad twieled it-tifel, l-intimat baqa’ ma jghinx filwaqt li kien jistenna kollox minghandha. Tant ma kienx ta’ ghajnuna ghaliha li lanqas meta kellha problemi medici ma sabitu ghaliex minflok ma kien jiddedika hinu ghaliha fi zmien difficli (tenut kont li l-minuri kien ghadu zghir hafna), kien mar idur ma’ xi Taljani li kienu hawn Malta. Harget tqila bit-tieni tarbija (minkejja li t-tobba kienu ta’ opinjoni differenti) b’dan li waqt it-twelid, dahhal ajruplan u qaghad jixkatlah.

Izzid tghid li wahda mill-problemi li kellu l-intimat kienet il-fissazzjoni li kellu fuq ‘Hitler’. Din kienet tinkwietaha ghaliex ma hassitx li ragel tal-familja kellu jkollu lil ‘Hitler’ bhala l-idolu tieghu, anke minhabba t-tfal. Kellu wkoll fissazzjonijiet fuq kollezzjonijiet ta’ mudelli, films u affarijiet ohra li kien iqatta’ hafna hin fuqhom, apparti l-ispiza taghhom. F’dan il-kuntest tghid li zewgha kapriccuz ghaliex huwa *compulsive buyer* u jghix *beyond his means* apparti l-fatt li m’ghandux prioritajiet.

Issemmi wkoll li minhabba rimarka li ghaddiet ma’ habib tieghu fis-sens li zewgha ma jinhasilx meta jidhol id-dar u fis-sodda (minkejja li jkun ghadu gej minn xi centru tal-immigranti fejn is-sanita’ m’hijiex gholja) l-intimat kien ghamel tmien xhur ma jkellimhiex.

Tghid li fit-trobbija tal-ulied, l-intimat mhux responsabbli lanqas, ghaliex minflok ma jaghmlu l-*homework* mieghu jispiccaw jaraw id-*dvds* jew ipingu. Kien jaghtihom ukoll ezempji hziena bili jigdeb u ma juzax manjieri.

Imbaghad fis-sena 2003, l-intimat kitbilha ittra[11] biex jghidilha li jammiraha ghax ma jafx kif tlahhaq izda fl-istess hin ma kien jaghmel xejn biex jghinha. Fis-sena 2005 hadu *loan* mal-bank ghall-ammont ta' Lm20,000[12] ghall-bzonnijiet taghhom, li l-attrici tghid li ghadha pendenti u li qed tithallas minnha hi biss.

L-attrici tghid ukoll li l-akbar problema li kellhom kienet dik tal-infedelta' tal-intimat u l-pornografija. L-ewwel suspett ta' infedelta' li kellha kien fis-sena 2002 meta l-intimat rcieva messagg tard bil-lejl minghand certu Marisa Farrugia li kien ta' natura intima. Ikkonfrontatu dwar dan u hareg bi skuza li ma emmnitx. Kienet sabet ukoll kartolina indirizzata lil din Marisa[13] miktuba minghand certu 'Karen' li skond l-intimat kienet intenzjonata bhala cajta. Ghal darb'ohra l-attrici m'emmnitx din l-istorja. Tissemma mara ohra li l-attrici tissuspetta li zewgha kellu relazzjoni adultera maghha.

Issemmi wkoll zmien fejn l-intimat kien lest li jiehu l-ghajnuna biex jippruvaw isalvaw iz-zwieg, izda wara biddel fehmtu u ma riedx imur aktar. Imbaghad f'April 2007, harget tqila bit-tielet tarbija izda l-intimat ma kellu ebda reazzjoni. Meta mbaghad korriet, zewgha lanqas biss mar maghha l-isptar.

Beda jagixxi aktar b'mod stramb, tant li fil-precett tal-minuri l-kbir, lanqas tela' maghha u lanqas ried jiehu ritratti maghhom. Haga stramba ohra kienet il-fatt li zewgha u din Marisa hbew li din tal-ahhar kienet tqila. L-attrici saret taf bit-tarbija ta' Marisa meta kellha tliet xhur hajja. Ghalkemm l-informazzjoni li inghatat l-attrici kienet dik li l-missier huwa avukat li jghix Dubaj, tghid li taf li c-certifikat ta' din it-tarbija jaqra 'missier mhux maghruf'.

---

[11] Ara Dok. F esebit a fol 760 tal-process

[12] Ara Dok. E esebit a fol 755 tal-process

[13] Ara Dok. G esebit a fol 764 tal-process

Tghid li l-intimat telaq mid-dar nhar l-4 ta' Ottubru 2007 u qatt ma rega' raqad fid-dar aktar. Minhabba t-tfal, ippruvat tinvolvih fl-attivitajiet u l-hajja taghhom izda tghid li kien evidenti li l-intimat kien qed imur ta' bilfors u mhux ghax verament ried ikun hemm. Ghamlet dak li setghet izda l-intimat ma riedx jaf. Maz-zmien kellha tghid lit-tfal li missierhom kien telaq mid-dar. Ir-reazzjoni taghhom ma kienitx tajba u ghalhekk l-attrici hadet hsieb li taghtihom l-ghajnuna, specjalment lill-ewwel tifel li ghandu l-kondizzjoni tad-*dyslexia*. L-attitudni ta' nuqqas ta' responsabbilita' da parti tal-intimat baqghet ghaddejja, tant li anke meta l-attrici kellmitu fuq il-loghob tal-Playstation li rat li ma kienx adattat ghall-minuri, l-intimat ma tax kaz.

## Il-VERZJONI TAL-INTIMAT

Permezz tax-xiehda tieghu quddiem l-Assistant Gudizzjarju[14], l-intimat jghid li Marisa Farrugia hija gara tieghu u li zamm il-hbiberija maghha anke wara li nfired minn mal-attrici martu. Jghid li gieli hargu fi grupp u gieli hargu wahedhom. Jikkonferma li dak iz-zmien kien ilu li telaq mid-dar ghal madwar sentejn. Dwar bint Marisa, jghid li jaf dwarha ghalkemm, isostni li mhux involut fil-hajja taghha, jghid li meta gieli jkun il-maltemp, iwassal lill-istess minuri u lil ommha l-iskola. Izid jghid li mhux biss meta jkun il-maltemp iwassalha imma darba jew darbtejn fix-xahar. Jikkonferma li jkun fil-post fejn tghix din Marisa, anke filghaxija u jdum hemmhekk, b'dan li gieli raqad hemm ukoll, ghalkemm isostni li raqad f'kamra ghalih. B'referenza ghall-vettura tat-tip BMW l-intimat jghid li din hija proprjeta' ta' Marisa izda isuqha hu peress li l-vettura tieghu ilha xhur bil-hsara. Jghid li lil Marisa qatt ma raha ssuq u li ohtu gieli ssuq il-vettura tieghu ghax meta stqarr li l-vettura tieghu bil-hsara ma fissirx li din ma timxix u ma tinsaqx.  Imbaghad, fix-xiehda tieghu datata s-27 ta' Gunju 2011 l-intimat jikkonferma l-kalligrafija tieghu fuq

[14] Datata d-9 ta' Mejju 2011 u esebita a fol 858 tal-process

Dok J anness mal-affidavit tal-attrici, fejn hemm miktub l-ismijiet ‘Marisa, C u Michaela’ u jghid li kien qieghed biss ihazzez u li dan ghamlu qabel ma mar id-dar. Mistoqsi ghaliex kellu f’mohhu lil Marisa u Michaela dak il-hin jghid li “***kollox ikolli f’mohhi jien***”. Jikkonferma li kien involut biex ingiebet il-vettura BMW ta’ Marisa minn barra minn Malta, liema vettura jghid li thallset minn Marisa.

Permezz tal-affidavit tieghu[15], l-intimat jghid li minkejja li d-dar matrimonjali inxtrat f’isem A, kien jaghmel pagamenti regolari fuq l-istess dar u f’dan il-kuntest jiddikjara li ghandu hafna dokumenti x’juri, inkluzi cekkijiet li hareg hu stess bhala spejjez fl-istess dar u jipprezenta kopja taghhom, ghalkemm jiddikjara li kellu aktar dokumenti, izda dawn ittiehdu mir-rikorrenti meta beda jinqala’ l-inkwiet bejniethom. Minkejja li interpella lil martu sabiex tirritorna dawn id-dokumenti, hi baqghet inadempjenti.

Jispjega wkoll li martu cahditu minn kull forma ta’ access ghad-dar matrimonjali, tant li biddlet ukoll ic-cwievet. Talabhomlha izda qatt ma taghtu kopja. Dwar uliedu, jghid li ghandu relazzjoni tajba hafna b’dan li jispjega li l-access mhux l-ewwel darba li jigi regolat skond l-esigenzi tat-tfal stess. Dwar iz-zmien meta kien ghadu ma’ martu, l-intimat jiddikjara li r-rikorrenti kienet terfa’ jdejha fuq it-tfal, specjalment fuq il-minuri M.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

Il-qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta’ Louise Grech WPC51[16] fejn tipprezenta dokument[17] li juri r-*record* ta’ kull passi ta’ dixxiplina li

[15] Esebit a fol 1371 tal-process

[16] Datata t-22 ta’ Jannar 2010 u esebita a fol 65 tal-process

[17] Dok. PUL1 esebit a fol 72

ttiehdu fil-konfront tal-intimat u tiddikjara li prezentement m'hemm ebda investigazzjoni ghaddejja. Tali dokument jelenka *records* ta' traskuragni fuq ix-xoghol, nuqqas ta' ndafa personali (lehja mhux imqaxxra), assenza bla permess u disubbidjenza ta' ordnijiet.

Alexander Mizzi mis-*Salaries Section* tal-Korp tal-Pulizija[18] jipprezenta numru ta' dokumenti[19] u cioe' sett ta' 11 –il FS3 relatat mas-salarju tal-intimat mis-sena 1998 sal-2008, b'dan li l-introjtu tieghu fis-sena 2008 kien dak ta' Euro18,049.58. Ix-xhud izid jghid li hemm ukoll *shift allowance* ta' meta l-intimat jahdem il-Hadd u l-btajjel Pubblici b'dan li jithallas doppju nhar ta' Hadd u 2 ½ fil-granet pubblici, filwaqt li jekk jahdem il-Hadd *overtime* din tkun trippla. Fix-xiehda tieghu datata t-22 ta' Marzu 2010, imbaghad l-istess xhud jipprezenta l-*payslips* relattivi ghax-xahar ta' Jannar 2010 u Frar 2010 rispettivament u jzid jghid li l-paga bazika tal-intimat kull erba' (4) gimghat hija dik ta' €1225.62 li maghha jrid jizdied l-ammont ta' €159.98 f'*allowance* u l-ammont ta' €28.80 f'*overtime* li jwasslu ghall-ammont ta' €1414.40 (gross)[20] li minnhom irid jitnaqqas l-ammont ta' €144 f'taxxa u l-ammont ta' €122.56 f'bolla.

Ssir referenza ghax-xiehda in rapprezentanza tal-banek, b'referenza ghax-xiehda ta' Joseph Borg Cardona[21] in rapprezentanza tal-Bank of Valletta, li pprezenta numru ta' dokumenti relattivi ghall-partijiet, kemm wahedhom kif ukoll b'mod kongunt bejniethom[22]. F'xiehda sussegwenti, x-xhud jesebixxi wkoll *deposit voucher* fid-Dok. BOV 10[23] u jikkonferma li l-pagamenti tal-*loans* kollha li ghandhom il-partijiet qed jithallsu mill-

---

[18] Ara x-xhieda tieghu datata t-22 ta' Jannar 2010 u esebita a fol 65 tal-process

[19] Ara Dok. PUL2 esebit a fol 76

[20] Ara a fol 439 tal-process

[21] Datata l-1 ta' Marzu 2010 esebita a fol 120 tal-process

[22] Ara Dok. BOV1 – BOV 21 esebiti a fol 126 – 438 tal-process kif ukoll Dok. BOV 22 – BOV 25 esebiti a fol 491 – 715 tal-process

[23] Esebit bhala Dok. BOV 26 esebit a fol 785 tal-process

kont tal-paga tal-attrici[24]. Jesebixxi wkoll dokumenti ulterjuri[25]. Ix-xhud Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc ukoll tesebixxi dokumenti[26] relatati mal-partijiet.

Issir referenza wkoll ghall-affidavit ta' Dr. Charlie Azzopardi[27] fejn bhala *family therapist* jghid li ra lill-partijiet kemm b'mod individwali kif ukoll flimkien. Ra wkoll lit-tfal. Jghid li l-attrici kienet qed thossha izolata filwaqt li l-intimat kien qed ihossu soffokat. Jghid li tahom il-parir biex ikellmu lit-tfal flimkien dwar l-aspett tas-separazzjoni taghhom kif ukoll qalilhom li l-istess minuri ghandhom jaghmlu xi attivitajiet extra kurrikulari. Jghid li l-intimat f'punt minnhom waqaf jattendi ghas-sessjonijiet imma l-attrici baqghet tattendi flimkien mal-minuri u kienet ta' sostenn qawwi ghall-istess ulied f'dan iz-zmien ta' separazzjoni.

Permezz tal-affidavit tieghu, Daniel Cilia[28] jiddiskrivi lill-intimat bhala ragel b'nuqqas kbir ta' *commitment* u interess. Jghid li l-intimat ma kienx ihobb lill-attrici izda fiha kien sab persuna li setghet tkun responsabbli ghalih. Jispjega li anke meta l-attrici welldet it-tieni tarbija taghhom u kellha bzonn l-ilma, kellu jkun ix-xhud li jmur igibilha ghaliex l-intimat baqa' fil-gallarija jpejjep. Jghid li l-intimat kellu attitudni ta' indifferenza kbira kemm lejn martu kif ukoll lejn hafna affarijiet ohra. Jikkonferma l-fissazzjonijiet tieghu, fosthom dik fuq 'Hitler'.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Joan Camilleri, *clinical psychologist*[29] fejn tipprezenta dokument li rridigiet hi stess. Tali

---

[24] Ara a fol 775 tal-process

[25] Ara Dok. BOV 27 – BOV33 esebiti a fol 786 – 810 tal-process

[26] Ara Dok. HSBC1 u HSBC 2 esebiti a fol 459 - 490

[27] Esebit a fol 779 tal-process

[28] Esebit a fol 781 tal-process

[29] Ara x-xhieda taghha datata t-30 ta' Gunju 2010 esebita a fol 819 tal-process

dokument[30] juri l-*guidelines* dwar il-personalita' tal-intimat u kif l-attrici thares lejn il-problemi. Tikkonferma li l-attrici riedet taghmel minn kollox biex ma tisseparax, izda xi xhur wara regghet marret ghandha ghax irrealizzat li ma setghetx tibqa' tghix hekk. Permezz tad-dokument imsemmi, x-xhud tasal ghall-konkluzjoni li l-intimat ibati minn *anakastic personality disorder,* ghalkemm tikkonferma li lill-intimat qatt ma ratu.

Permezz tal-affidavit tieghu, George Cilia[31] (missier l-attrici) jghid li kienet idea tan-Nutar li l-iskrittura ta' self ta' Lm15,000 tinqaleb minn fuq bintu ghal fuq iz-zewg partijiet wara z-zwieg, peress li l-ammont intuza l-aktar ghall-garaxx li huwa proprjeta' taz-zewg partijiet. Jghid li thallas is-somma ta' Lm750 ghal tliet darbiet bhala imghaxijiet ghal tliet (3) snin u ma thallas xejn aktar. Jiddiskrivi lill-intimat bhala ragel ta' nuqqas ta' rispett kbir, b'dan li l-aktar haga li kienet tkiddu kienet dik li filwaqt li hu kien isellifhom il-flus ghall-bzonnijiet taghhom, l-intimat kien jonfoq il-flus fuq il-passatempi tieghu. Il-mara tieghu, u cioe' Joan Cilia[32], tghid li rat kambjament ghall-aghar fl-intimat wara z-zwieg. Kien jitfa' r-responsabbilita' kollha fuq bintha u ma baqax jaghtiha l-attenzjoni li kien jaghtiha qabel iz-zwieg. Tikkonferma dak li tghid l-attrici u xhud iehor u cioe' li meta bintha korriet it-tielet tarbija taghhom, zewgha lanqas biss mar l-isptar maghha. Tghid li meta l-intimat telaq mid-dar, staqsietu x'kienet il-problema u dan qalilha li ried isib lilu nnifsu. Ma kienx jaf jekk kienx ihobb lill-attrici aktar u ghalhekk issuggerietlu li jfittex l-ghajnuna. Tghid li bintha baqghet tittama li zewgha gej lura pero' mbaghad qatghet qalbha u qaltilhom dwar id-dubji tal-infedelta' li kellha.

Tixhed ukoll Marisa Farrugia[33] li tikkonferma li hi habiba tal-familja tal-intimat ghalkemm ma kienitx mistiedna ghat-tieg tal-partijiet. Tghid li bhalissa hbieb bhal ma kienu qabel, b'dan li jikkomunikaw bejniethom

---

[30] Ara Dok. JC1 esebit a fol 823 tal-process

[31] Esebit a fol 828 tal-process

[32] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 838 tal-process

[33] Ara x-xhieda taghha datata t-22 ta' Gunju 2011 a fol 873 tal-process

madwar tliet darbiet fil-gimgha – mhux aktar minn ghaxra u jiltaqghu f'postijiet differenti. Tghid li jmorru jiehdu kafe flimkien, b'dan li tghid li meta kien ghadu mal-attrici, ma tahsibx li qatt iltaqghet mal-intimat wahdu imma fi grupp. Tikkonferma li l-intimat mar fuq il-post tax-xoghol taghha, daqqa bl-uniformi u daqqa pajzan, b'dan li gieli mar bil-karti tat-tfal u gieli biex jghidilha 'hello'. Tikkonferma li l-intimat ghadu jmur fir-residenza taghha u li *occasionally* jwassal lil bintha l-iskola. Tghid li l-intimat kien jaf bit-tqala taghha pero' ma kienx prezenti ghat-twelid tat-tarbija ghalkemm gieli xtralha xi rigali. Dwar il-BMW, x-xhud tghid li hija taghha, hallsitha bi flus kontanti u li c-cwievet taghha, wahda qieghda ghandha u l-ohra ghand l-intimat. B'referenza ghall-*invoice* ta' zewg *laptops,* ix-xhud tghid li dik hija *invoice* taghha imma tghid li s-*service invoices* huma fuq l-intimat ghax kien hadhom hu biex jigu ccekkjati meta gratilhom il-hsara. Ssostni li l-hbiberija mal-intimat hija bhal dik ta' ma Grazio Zerafa u mhux ta' *girlfriend* u *boyfriend*. Tghid li gieli jorqod ghandha ghax idum il-garaxx. Jorqod f'kamra ghalih. Mistoqsija jekk l-intimat imurx ghandha biex jaghmilha ta' *driver* u ta' *maintenance* ix-xhud tghid li peress li sselfu l-flus, ma tiddejjaqx tqabbdu. Is-somma li sellfitu hija ta' madwar €5000, b'dan li gieli taha xi flus lura. Tal-qadi li jaghmlilha ma tnaqqaslu xejn mill-ammont li ghandu jaghtiha. Hi tikkonferma li l-Hadd ta' qabel il-minuri kienet mal-intimat il-festa taz-Zejtun izda meta kkonfrontata bil-fatt li l-Hadd kien *Father's Day,* ix-xhud tghid li ma tafx jekk bintha kienitx mieghu is-Sibt jew il-Hadd.

Issir referenza wkoll ghar-rapport ta' Denise Portelli[34] bhala *social worker,* fejn wara li tkellmet mal-partijiet u mal-minuri, waslet ghall-konkluzjoni li huwa ta' kreditu kbir ghaz-zewg partijiet li l-minuri hassewhom li setghu jitkellmu minghajr biza' ta' xejn, b'dan li thoss li ma kien hemm ebda *prompting*. Tghid li t-tfal ghandhom legami qawwi maz-zewg partijiet u tasal ghall-konkluzjoni li m'hemm ebda perikolu li jirrikjedi li l-access isir taht supervizjoni. Issuggeriet li l-access tal-intimat ghal uliedu ghandu jkun skond kif indikat minnha fl-ahhar pagna tar-rapport taghha[35].

[34] Datat it-23 ta' Novembru 2011 u esebit a fol 900 tal-process

[35] Ara a fol 907 tal-process

L-Ispettur Robert Said Sarreo jipprezenta tmien rapporti li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-intimat zewgha bejn is-sena 2008 u s-sena 2010[36].

Enrico Depasquale in rapprezentanza tal-MSV Life plc, jghid li l-partijiet ghandhom bejniethom tlett poloz t'assigurazzjoni[37] b'dan li wahda biss ghandha *surrender value* u dan hu fl-ammont ta' €3076.59.

Patrick Harvey in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg jghid li f'Jannar 2011 l-attrici kienet ghamlet telefonata fuq il-linja 179 fejn allegat li l-minuri qed jigu *emotionally abused* minghand missierhom u ghalhekk bghatu ghaliha ghal aktar dettalji. Ix-xhud jghid li l-attrici rrappurtat li l-intimat jesponi lill-minuri ghal *horror films* u lill-minuri M jhallih jilghab b'*video games* li huma *rated* aktar mill-eta' tieghu. Wara li sema' dan, talabha tkellem lill-avukat taghha biex isir *social work assessment* peress li l-kawza odjerna kienet diga' giet intavolata.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI</u>**

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

[36] Ara PUL1 – PUL 8 esebiti a fol 977 - 1000

[37] Ara Dok. MSV1 – MSV3 esebiti a fol 1001 - 1003

Il-qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. L-attrici tghid li z-zwieg tkisser minhabba eccessi u sevizzi u ingurji gravi fil-konfront taghha, izda dak li jirrizulta lill-qorti huwa li l-intimat, verament kien irresponsabbli fl-agir tieghu u fil-mod ta' kif kien jimxi mal-istess attrici, izda tali rresponsabbilita' ma tammontax ghal eccessi, u ingurji gravi. Jidher pero' li l-partijiet, anke minhabba d-divergenza kbira fil-karattru taghhom, waslu fi stadju fejn iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment. Dan qieghed jinghad anke abbazi tas-suspett qawwi li ghandha l-attrici relatat mal-adulterju tal-intimat u s-suspett li ghandha li l-minuri Michaela, bint Marisa Farrugia li tissemma fil-mori tal-provi, hija fil-verita' bint l-intimat. Il-qorti tirrileva li hija moralment konvinta dwar ir-relazzjoni ta' bejn l-intimat u dik ta' Marisa Farrugia (u dan anke abbazi tal-kontenut tal-sms) izda fuq kollox mix-xiehda tal-intimat stess u dik ta' Marisa Farrugia li jikkonfermaw li l-intimat imur jorqod ghandha, izda li r-relazzjoni taghhom ma tmurx lil hinn minn hbiberija. Il-qorti ma temminx din il-verzjoni u temmen li fil-verita' l-intimat ghandu relazzjoni ma' din Marisa Farrugia. Tant hemm relazzjoni li huwa lest li jwassal lil bintha (li jista' jkun li hija bintu wkoll pero' prova konkreta dwar dan m'hemmx, hlief karta mitkuba mill-intimat (*ex-admissis*) bl-ismijiet taghhom) lejn l-iskola. Il-familjarita' li hemm bejn l-intimat u Marisa Farrugia twassalha biex tikkonkludi li verament hemm relazzjoni bejniethom. Dwar il-possibilita' li l-minuri Michaela hija l-wild naturali tal-intimat, jigi rilevat li hu minnu li l-fatt li kiteb tali ismijiet igiegħel lil min jahseb, pero' tali skrittura ma tista' qatt tkun konsiderata bhala prova tal-paternita' tal-istess minuri. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan, il-qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess intimat.

**<u>DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI U ACCESS GHALL-INTIMAT</u>**

Il-qorti tirrileva li frott taz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewgt ulied u cioe' M li twieled nhar it-3 ta' Awwissu 2000[38] u N li twieldet nhar is-16 ta' Mejju 2002[39]. Jirrizulta ghalhekk li z-zewgt ulied ghadhom minuri.

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skont il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta li l-minuri ilhom jghixu mal-omm ghal snin twal u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida ghaliex r-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula, dan dejjem fl-ahjar interessi tal-istess minuri. Min-naha tieghu, l-intimat ma jintavola ebda kontro-talba sabiex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri. Ghalkemm jekk wiehed jara l-process voluminuz, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li l-istess missier donnu kien tilef l-interess fil-proceduri odjerni, tant li naqas milli jressaq il-provi tieghu sabiex juri li hu kapaci jiehu hsieb il-minuri u jassumi r-responsabbilita' ta' missier idoneju jew li ghall-anqas juri li hemm xi forma ta' interess da parti tieghu f'dawn il-proceduri, jrid jinghad li permezz ta' rikors datat id-19 ta' Frar 2015[40], l-intimat ipprova jiggustifika n-nuqqas ta' interess f'dawn il-proceduri jew almenu l-fatt li hekk kien qieghed jaghti l-impressjoni, u sahaq li ghandu relazzjoni posittiva ma' wliedu u li r-rikorrenti ghandha storja twila ta' disturbi psikologici li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejniethom. Isostni wkoll li l-istess rikorrenti kienet terfa' jdejha fuq l-ulied (tant li jipprezenta *recordings* u ritratti f'dan il-kuntest[41]).

Irid jinghad ukoll li minn dak li kkonkludiet is-*social worker* Denise Portelli, jidher li huwa minnu li l-minuri ghandhom relazzjoni tajba hafna ma' missierhom u konsegwentement zgur li huwa fl-ahjar interess tal-

---

[38] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 6 tal-process

[39] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 7 tal-process

[40] Esebit a fol 1363 tal-process

[41] Ara Dok. KP1 u Dok. KP2 esebiti mal-istess rikors

minuri li jkomplu jibnu relazzjoni soda ma' missierhom. Tenut kont ta' dan kif ukoll tal-fatt li minn mindu l-partijiet isseparaw *de facto,* kienet ir-rikorrenti li hadet hsieb lill-minuri, il-qorti thoss li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tkun wahda kongunta, b'dan li l-istess minuri jghixu mar-rikorrenti ommhom.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-digrieti taghha hekk diversament preseduta u cioe' dak tad-29 ta' Mejju 2008 kif ukoll dak tal-4 ta' Settembru 2009[42], fejn gie ordnat li *pendent lite* fil-granet meta l-intimat ikun *second shift* l-Erbgha, jkollu access ghal uliedu l-gimgha ta' wara ghall-istess hin. Meta jkun *second shift* is-Sibt ikollu access il-Hadd ta' wara mis-2.00pm sas-7.00pm. Sussegwentement, permezz tar-rapport redatt mis-*social worker* Denise Portelli, l-access tal-intimat gie mibdul skond l-istess rakkomandazzjonijiet b'dan li din il-Qorti, filwaqt li ordnat li l-partijiet isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-imsemmija *social worker* b'mod skrupoluz, ordnat ukoll li l-minuri joqghodu ghand missierhom darba fil-gimgha bi qbil bejniethom dwar il-gurnata. Il-qorti tirrileva li wara li gie stabbilit tali access, jidher li l-partijiet waslu f'*modus vivendi* li fuq kollox jidher li huwa fl-ahjar interessi tal-ulied (wara li dawn gew mitkellma mis-*social worker*) u konsegwentement, tali access qed jigi kkonfermat.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

L-attrici qieghda titlob manteniment ghaliha personalment, pero' fl-istess hin tiddikjara li bhal zewgha hija perfettament kapaci li tmantni lilha nnifisha. Mill-provi jirrizulta li l-intimat ghandu introjtu fiss. Min-naha taghha, *stante* d-dikjarazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu u li l-attrici taghmel permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha[43] ,jirrizulta li l-attrici qieghda tirrinunzja tacitament ghal din it-talba. Dan qieghed jinghad anke in vista tal-fatt li r-rikorrenti naqset milli tressaq provi

[42] Esebit a fol 55 tal-process

[43] Ara a fol 1257 tal-process

konvincenti dwar il-bzonn li tinghata manteniment ghaliha u *stante* li fil-mori tal-kawza ftit li xejn saret referenza ghal xi forma ta' insistenza ghal ordni ta' manteniment ghaliha, ghalhekk din it-talba ma tistax tigi milqugha.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD**

Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqghet fuq ir-rikorrenti. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[44]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[45] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

[44]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)

[45] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess, dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20.

Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

F'dan l-istadju l-qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha stess tal-24 ta' Frar 2009[46] fejn l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' Euro280 kull xahar rapprezentanti manteniment ghal uliedu, *oltre* nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha (ta' natura straordinarja) tal-minuri. Sussegwentement, permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament preseduta datat il-5 ta' Marzu 2010[47] l-manteniment pagabbli mill-intimat gie awmentat ghal €400 kull erba` gimghat. Tenut kont tal-fatt li jirrizulta li z-zewg genituri huma indipendenti u kapaci jmantnu lilhom infushom, l-qorti thoss li m'hemm ebda raguni ghaliex l-manteniment diga' stabbilit f'Marzu 2010 m'ghandux jibqa' vigenti bejn l-istess partijiet, b'dan izda li l-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja. Jigi rilevat pero' li apparti tali manteniment, l-intimat qed jigi ordnat ihallas ukoll nofs l-ispejjez relattivi mas-sahha, l-edukazzjoni u attivita' extra kurrikulari wahda. Tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm kull wiehed jew wahda mill-minuri jkollu / jkollha tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir / ssir maggorenni jkun / tkun qed jistudja / tistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jieqaf / tieqaf tistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq / tilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

<u>Dwar l-assi parafernali tal-partijiet</u>

Ir-rikorrenti tikkontendi li d-dar matrimonjali u cioe' l-fond 'Freya', Triq il-Munxar Marsaskala hija proprjeta' parafernali taghha u ghal dan il-ghan tipprezenta kuntratt pubbliku datat it-22 ta' Settembru 1995[48] b'dan li

[46] Ara a fol 12 tal-process

[47] Ara a fol 112 tal-process

[48] Ara a fol 867 tal-process

tirrikonoxxi li l-intimat ghandu kreditu kwantu ghal xi hlasijiet li saru matul iz-zwieg. Tirrikonoxxi li l-vettura tat-tip Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni GAM 084 hija proprjeta' parafernali tal-intimat, b'dan li din id-darba tkun hi stess li tissottometti li ghandha kreditu fuqha ghal hlasijiet li saru fiz-zwieg.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti r-rikorrenti tiddikjara li din hija formanti parti mis-segwenti:

1. Polza ta' assigurazzjoni mal-Middle Sea Valletta Life bin-numru 24198[49] u li ghandha *surrender value* ta' €3076.59;

2. Il-garaxx anness mad-dar matrimonjali li nxtara miz-zewg partijiet qabel iz-zwieg[50] u li l-valur tieghu huwa dak ta' madwar €35,000;

3. Home loan mal-Bank of Valletta in konnessjoni mad-dar matrimonjali (li hija proprjeta' parafernali tal-attrici);

4. Il-vettura tat-tip Toyota Fun Cargo bin-numru ta' registrazzjoni CBN 484 li ghandha valur ta' madwar €4300 b'dan li abbinat mal-istess vettura hemm ukoll facilita' bankarja mal-Bank of Valletta Plc;

5. Dejn mal-genituri tal-attrici fl-ammont ta' €59,298 flimkien mal-ammont ta' €3612;

Illi jigi rilevat li permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet taghha, l-attrici tissottometti li hija lesta li tassumi d-dejn mal-genituri taghha purche' li dan jigi rifless fid-divizjoni tal-assi patrimonjali.

Il-qorti, wara li qieset il-fatt li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-attrici u wara li qieset il-fatt li l-attrici lesta li tassumi d-dejn mal-genituri taghha, qieghda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u

[49] Ara Dok. MSV3 prezentat waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2012 esebit a fol 1003 tal-process

[50] Ara l-kuntratt datat is-7 ta' Marzu 1996 esebit a fol 747 tal-process

tiddividiha bil-mod segwenti, b'dan li d-data tad-dekadenza tal-intimat qed tittiehed bhala s-sena 2002 u cioe' z-zmien meta bdiet ir-relazzjoni ma' Marisa Farrugia li wasslet ghas-separazzjoni tal-partijiet.

**<u>Porzjoni A li qed tigi assenjata lill-attrici</u>**

1. Id-dar matrimonjali u cioe' 'Freya', Triq il-Munxar Marsaskala, illi hija proprjeta` parafernali taghha flimkien mad-dejn relattiv. L-attrici qed tigi awtorizzata tghix fl-istess fond ad eskluzjoni tal-konvenut;

2. Il-vettura tal-marka *Toyota FunCargo* bin-numru ta' registrazzjoni CBN 484, flimkien mad-dejn relattiv;

3. Il-polza ta' l-assigurazzjoni mal-*MiddleSea plc* bin-numru 249168 – u kwindi valur ta' €3076.59;

4. Il-garaxx anness mad-dar matrimonjali bil-valur ta' €35,000 u d-dejn relattiv ma' Bank of Valletta, kont numru 10205291057;

5. Id-djun kollha li l-partijiet ikkuntrattaw mal-qraba taghha matul is-snin;

6. Is-self bankarju ma' Bank of Valletta bil-kontijiet numri 40014628263 u 40014723647;

7. Id-djun kollha illi l-attrici qatt ikkuntrattat ma' terzi minghajr il-kunsens tal-intimat.

8. Il-kontijiet bankarji illi l-attrici jista' jkollha intestati f'isimha.

**Porzjoni B li qed tigi assenjata lill-intimat**

1. Il-vettura tal-marka *Peugeot 306* bin-numru ta' registrazzjoni GAM 484 flimkien ma' kwalunkwe penali in konnessjoni ma' kontravvenzjonijiet, licenzji jew *insurance* ;

2. Ic-curkett tal-gherusija illi diga` jinsab fil-pussess tieghu;

3. Is-somma ta' erbatax –il elf, erba' mija u tlieta u sebgin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€14,473.22) li ghandha tithallas lill-intimat mill-attrici in linea ta' ekwiparazzjoni, liema somma tirrapprezenta l-ammont dovut lill-intimat, wara li jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li filwaqt li l-attrici ghamlet tajjeb ghal dejn tal-kommunjoni tal-akkwisti, l-intimat ghandu kreditu fuq proprjeta' parafernali tal-attrici (d-dar gia matrimonjali). Jigi rilevat li mill-kalkolu li taghmel l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-qorti ma taqbilx li l-intimat ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs id-dejn ta' mal-genituri tal-attrici li originarjament kien dak ta' Lm15,000, u dan *stante* li fl-ewwel lok tali dejn originarjament kien dejn parafernali tal-attrici u fit-tieni lok ghaliex l-attrici stess tiddikjara li tali ammont intuza ghad-dar, ghal kors ta' *beautician* u ghal xi bzonnijiet ta' bejniethom. *Stante* li d-dar hija proprjeta' parafernali taghha, l-qorti thoss li l-intimat m'ghandux jaghmel tajjeb ghal tali dejn. L-istess irid jinghad fuq id-dejn abbinat mal-garaxx li qed jigi assenjat lill-istess attrici. Ghalhekk ghal finijiet ta' kjarezza jinghad li s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u ghaxar Euro (€22,810) hawn imsemmija hija r-rizultat tas-segwenti:

€3665.48 rapprezentanti sehem il-konvenut mir-ripagamenti fuq il-*loan* in konnessjoni mad-dar matrimonjali flimkien ma' €11,225.96 sehem il-konvenut mill-garaxx anness mad-dar matrimonjali flimkien ma' €8,336.78 (LM3578.98 ) rapprezentanti kreditu tal-intimat qabel iz-zwieg in konnessjoni ma' materjal u d-dar matrimonjali - €418.22 rapprezentanti sehem il-konvenut mill-kontijiet pendenti sad-data tas-separazzjoni *de facto* li jammontaw ghas-somma ta' €22,810.

4. Id-djun kollha illi l-intimat qatt ikkuntratta ma’ terzi minghajr il-kunsens tal-attrici;

5. Il-kontijiet bankarji illi l-intimat jista’ jkollu intestati f’ismu.

Għal finijiet ta’ kompletezza, l-Qorti tirrileva li s-somma likwidata favur l-intimat hija somma li l-qorti waslet għaliha anke wara li ħadet in konsiderazzjoni il-kopji taċ-ċekkijiet li l-intimat jipprezenta flimkien mar-rikors tieghu ta’ Frar 2015 u li permezz tieghu talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Irid jinghad li tali kopji ta’ cekkijiet mhux kollha jikkostitwixxu prova ta’ xi kreditu favurih ghaliex mhux kull cekk juri verament ghal x’hiex intuza jew ghal min hu indirizzat u ghalhekk mhux kull cekk prezentat gie meqjuz bhala parti mill-kreditu favur l-istess intimat.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx

sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-qorti, kif diga' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi, li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz anke tenut kont li bejn il-partijiet diga' kien hemm xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, l-qorti sejra tapplika l-Artikolu 48(1)(a), (c) u (d).

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti limitatament fis-sens illi tafda il-kura u l-kustodja tal-minuri M u N ahwa B f'idejn il-partijiet b'mod kongunt, tordna wkoll li l-intimat ikollu access favur uliedu skond kif elenkat aktar 'il fuq fil-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba tal-Kura u l-Kustodja tal-Minuri u Access ghall-Intimat';

[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti limitament ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-minuri u tiffissa manteniment li ghandu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti kull erba' gimghat fis-somma ta' €400, *oltre* nofs l-ispejjez relatati mas-sahha, l-edukazzjoni u attivita' extra-kurrikulari wahda tal-istess minuri. Tali manteniment ghandu jizdied kull sena

skond l-gholi tal-hajja u ghandu jithallas direttament mill-paga tal-intimat f'kont bankarju indikat mir-rikorrenti. It-talba relatata mal-manteniment versu r-rikorrenti qed tigi michuda;

[4] Tilqa' r-raba' talba bil-mod kif spjegat fil-paragrafu msemmi 'Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti'. Ghal dan il-ghan u partikolarment ghat-trasferiment tal-garaxx f'isem l-attrici, l-qorti qed tinnomina lin-Nutar Rachel Mallia sabiex tippubblika l-kuntratt relattiv u lill-Avukat Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur legali Mario Buttigieg li lilhom jmiss it-turn sabiex jirrapprezentaw lill-intimat fl-eventwali kontumacja tieghu.

[5] Tilqa' l-hames talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48(1)(a), (c) u (d) tal-Kap. 16 fil-konfront tal-intimat;

[6] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba *stante* li din hija kontemplata fir-raba' talba;

[7] Tilqa' s-seba' talba.

Bl-ispejjez hekk kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------